MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Numru 504/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**SPETTUR ALFRED MALLIA**

**VS**

**EUGENIO AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Eugenio Agius, iben Joseph u Adelaide nee' Xuereb, imwield San Pawl il-Bahar fis-26 ta' April 1960 u joqghod Ramla Lodge Hotel, Triq il-Gardiel, San Tumas, Marsascala jew 190, Triq il-Konventwali, San Pawl il-Bahar u detentur ta' karta ta' l-Identita' numru 345260(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, ttraffika persuni ta' l-eta' cioe' Marina Morozova u Natalia Genrihovna bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghal prostituzzjoni billi taw jew ircevew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontrol fuq persuna ohra;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) xjentement ghex ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita' barranin;

b) zamm jew ezercita jew kellhu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali.

Kif ukoll bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond Ramla Lodge Hotel, Marsascala, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni.

U wara illi rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tigi ordnata r-revoka tal-Licenzi kollha mahrugin fuq ir-Ramla Lodge Hotel;

Ikkonsidrat:

Illi din hi t-tieni akkuza ta’ dan it-tip ta’ reat li din il-Qorti kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha fuqu fi zmien ftit xhur. F’dan il-kaz ukoll l-imputat ghazel li jammetti l-akkuzi dedotti kontrih, u inoltre talab li jithejja rapport mill-Ufficjali tal-Probation qabel ma’ tinghata s-sentenza.

Il-Qorti rat dan ir-rapport u tistqarr li tinsab iddisturbata ghall-fatt li, skond l-istess Ufficjal tal-Probation, l-imputat jidher li ma’ fehemx is-serjeta’ tar-reat li wettaq u x’konsegwenzi jistghu iwassluh fihom. Hu tal-fehma li ladarba mexa sew mal-persuni li ried izomm kontra l-volonta’ taghhom ghall-finijiet ta’ qliegh mill-prostituzzjoni, ma’ ghamel xejn hazin. Barra minn hekk, il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, li, ghalkemm ma’ fihiex indikazzjoni ta’ twettiq ta’ reati gravi, xorta turi nuqqas ta’ rispett lejn il-ligi u l-awtoritajiet da parti tieghu. Donnu l-imputat ma’ jsib ebda diffikolta’ jikser il-ligi, bi ftit jew b’hafna, basta jikseb vantagg hu, liema vantagg ihoss li hu jista’ jiggustifika minhabba fis-sitwazzjoni difficli li jinsab fiha fil-prezent.

Dawn in-nuqqasijiet da parti tal-imputat, fil-fehma tal-Qorti, huma serji hafna, u ftit ftit wasslu lill-imputat ghat-twettiq ta’ reat bhal dan in ezami. Jidher li l-imputat qieghed jaghzel it-triq tal-ksur tal-ligi sabiex jghin lilu nnifsu. Dan bl-ebda mod ma’ jista’ jigi qatt accettat jew skuzat. L-ebda diffikultajiet fil-hajja ta’ persuna ma’ ghandhom qatt iwasslu ghal xi forma ta’ gustifikazzjoni ghal eghmil li hu manifestament illegali, bil-mod li qed jaghmel l-imputat.

Ghalhekk il-Qorti issa tista’ tghaddi biex tikkonsidra l-piena. Il-Qorti qieset sew ir-rakkomandazzjoni maghmula mill-Uffijcal tal-Probation, li ghal dan ir-reat l-imputat ghandu jinghata sentenza sospiza fil-massimu taghha flimkien ma’ ordni ta’ supervizzjoni. Din il-piena tkun ezatt bhal dik moghtija minn din l-istess Qorti f’kaz identiku gia’ deciz xi xhur ilu. Il-Qorti trid tkun konvinta, izda, li tali piena hija adegwata ghar-reat in ezami, tenut kont li l-imputat jista’ fil-fatt jehel terminu ta’ prigunerija ta’ disa’

snin. Wiehed ghalhekk irid jara jekk il-properzjoni ta' piena hijiex konformi mas-serjeta' tar-reat, mal-ligi applikabbli ghall-kaz, u ma' l-ordni pubblika.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' li jirriforma hajtu f'dak li ghandu x'jaqsam mal-osservanza tal-ligi. Din l-opportunita' sejra tinghata ghax jidher li l-familja tieghu ghandha bzonn il-presenza tieghu ghall-ghixien taghha. Il-Qorti trid taghmilha ciara izda li din l-opportunita' hija effettivament l-ahhar wahda li ghandu l-imputat. Jekk hu ser jibqa' jirraguna li jista' jibqa' jiehu vantagg minn fuq haddiehor u jikser il-ligi, allura l-Qorti ma' jkollha ebda triq ohra hlief li tirrevedi s-sentenza taghha u tenforza t-terminu ta' prigunerija. L-imputat ser ikollu Ufficjal tal-Probation assenjat mieghu, u l-Qorti trid li hi tibqa' tigi informata dwar l-andament u l-atteggjament tal-imputat mal-ligi u mal-awtoritajiet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h) u 248B tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 7,8 u 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Eugenio Agius hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' (4) snin, taht Ordni ta' Supervizzjoni mill-Ufficjali tal-Probation ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghall-multa ta' hamsin lira maltin (Lm50).

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------